MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2000

Citazzjoni Numru. 1114/2008

**Patricia Caruana minn dejjem magħrufa bħala Sheila-Maria Cardona**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta’ Novembru 2008 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi hija twieldet fl-14 ta’ Novembru 1943 ġewwa 138, Cameron Street, Gżira, minn Annunziata Caruana, xebba, u missier mhux magħruf, u dan kif ġie rrappurtat fit-18 ta’ Novembru 1943, minn Giovanna mart Reginald Thompson li attendiet għat-twelid kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid (Dok. A) li jġib in-numru 7068/1943 fil-Volum tat-Twelid.

Illi l-għada tat-twelid, nhar il-15 ta’ Novembru 1943, ir-rikorrenti ġiet mgħammda u l-magħmudija ġiet reġistrata fil-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fejn ingħatat l-isem Sheila-Maria (u mhux Patricia kif rrappurtat minn Giovanna Thompson fit-18 ta’ Novembru 1943) kif jidher mill-Estratt tar-Reġistru tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu – Gżira (Dok B) u miċ-ċertifikat tal-magħmudija (Dok C) maħruġ mill-istess Parroċċa;

Illi fit-3 ta’ Jannar 1948 ġie ċċelebrat iż-żwieġ bejn Annunziata Caruana u George Cardona liema żwieġ jinsab rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku fil-Volum taż-Żwieġ bin-numru 141/1948 (Dok D);

Illi b’att pubbliku tas-26 ta’ Mejju 1959 in atti Nutar Dr. Maurice Gambin, l-imsemmi George Cardona ibiegħ il-ħaxix, irrikonoxxa bħala bintu lir-rikorrenti formalment (Dok E) u b’ hekk ħadet kunjom missierha minflok dak ta’ ommha u dan ġie debitament notat fiċ-ċertifikat tat-twelid relattiv (Dok A);

Illi fl-istess att pubbliku (Dok E) hemm imniżżel illi *“Patricia”* ġiet imniżżla fiċ-ċertifikat tal-magħmudija bħala *“Sheila-Maria”* u *“li dan huwa l-isem li ggib hi”*;

Illi r-rikorrent dejjem kienet magħrufa bħala Sheila-Maria Cardona, infatti dokumenti uffiċjali *oltre* ċ-ċertifikati tal-magħmudija, inkluż il-karta ta’ l-identita’ (Dok F), u ċ-ċertifikat tat-tluq mill-iskola St. Mary ta’ Ħal-Qormi (Dok G) juru dan l-isem filwaqt li l-passaport juri l-isem bħala *“Sheila”* (Dok H);

Illi *inoltre* hija dejjem ivvotat bl-isem Sheila-Maria Cardona, u fit-38 sena li għamlet taħdem fis-Servizz Ċivili isimha dejjem kien Sheila-Maria Cardona;

Illi għalhekk wara r-rikonoxximent imsemmi kunjomha kellu jkun Cardona u mhux Caruana kif fil-fatt dejjem ġabet bħala kunjomha u dejjem kienet hekk magħrufa;

Illi l-familjari u ħbieb dejjem kienu jafuha bħala Sheila-Maria Cardona;

Illi hija saret taf bil-problema meta ġiet sabiex tirrinova l-passaport tagħha għat-tielet darba (bl-isem Sheila-Maria Cardona) ġiet informata li dan ma jistax isir għaliex skond l-uffiċjali nkarigat l-isem kellu jkun Patricia u l-kunjom Caruana;

Għalhekk ġie istitwit dan ir-rikors ġuramentat hekk kif jitlob l-Artikolu 253 tal-Kodici Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, ir-rikorrenti titlob din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi hemm il-ħtieġa ta' korrezzjoni fl-isem tar-rikorrenti *stante* li isimha huwa verament *"Sheila-Maria"* u mhux *"Patricia"*.

2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid (Dok A), billi fejn hemm *"ismijiet mogħtijin / names given"*, l-isem Patricia jiġi sostitwit bl-isem *"Sheila-Maria"*.

3. Tiddikjara illi kunjom tar-rikorrenti huwa Cardona u mhux Caruana;

4. Tordna illi din id-dikjarazzjoni tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku permezz ta' nota fil-marġini tar-reġistrazzjoni relattiva fir-reġistru ta' l-Att tat-Twelid *ai termini* ta' l-Art. 92.2(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-9 ta' Frar 2009, li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat fir-rigward ta' l-isem tar-rikorrenti u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi

dwar it-talbiet, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, pero’ jirrileva li jirriżulta mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 7068 tas-sena 1943 li d-dikjaranta kienet Giovanna Thompson. *Inoltre*, fir-rigward tal-kunjom tar-rikorrenti jirriżulta mill-imsemmi att li George Cardona rrikonoxxiha bħala bintu fis-26 ta’ Mejju 1959 quddiem in-Nutar Pubbliku Dottor Maurice Gambin.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-esponent li m’għandux ibati l-ispejjeż ta’ l-istanti *stante* li d-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni kienet obbligata li tivverifika li l-informazzjoni li ddikjarat u ffirmat għaliha hija korretta.

3. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ li r-rikorrenti tispeċifika fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Atti ta’ l-Istat Ċivili kollha li qed titlob li jiġu korretti, jekk dan hu l-każ, u dan *ai termini* ta’ l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant għandu l-esponent x’jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-affidavits ppreżentati mill-attriċi.

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-23 ta’ Frar 2009 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Ċivili, liema artikolu jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet ta’ l-atti ta’ l-istat ċivili. Il-

pubblikazzjoni *ai termini* ta’ l-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata mid-dokumenti esebiti. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u m’għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------